

# DUN TARĊIS ATTARD 50 SENA SAĊERDOT

Dun Tarcisio L. Attard twieled Għajnsielem fid-19 ta' Jannar 1933, minn Girgor Attard u Maria Assunta Galea Rapa. Twieled qrib il-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl u kien hemm il-ħsieb li jsemmuh Pawlu, iżda billi *l-midwife* kellha lil binha se jsir qassis u kien jismu Tarċisju, ssuġġeriet li jsemmuh Tarċisju, biex meta jikber, jekk il-Bambin irid, isir saċerdot bħalu. U fil-fatt hekk ġara.



Dun Tarċis jippreżenta premju lil Tony Galea bħala rebbieħ ta' kwiżż dwar l-istorja ewropea, f'Diċembru tal-1973

Tarċisju tgħammed l-għada li twieled, għamel l-ewwel Tqarbina fl-1940 meta kellu ħames snin u sentejn wara għamel il-Griżma tal-Isqof. Beda jmur l-iskola primarja t' Għajnsielem meta kellu ħames snin. Kienu snin tal-gwerra u l-lezzjonijiet kienu jsiru fi klassijiet fi djar privati, billi l-iskola kienet abitata minn refuġjati Maltin. Meta kellu tnax-il sena daħal is-Seminarju Minuri. Is-sena litterarja għamilha fil-Kulleġġ Sant'Antnin f'Għajnsielem. Il-kors tal-Filosofija u tat-Teoloġija għamilhom fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex. Fit-2 ta' April 1960 ġie ordnat saċerdot minn Mons. Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex. Fil-11 ta' Lulju 1960, ġie assenjat bħala prefett tat-tfal tal-istitut ta' San Ġużepp f'Għajnsielem. Fi żmienu nqagħtet l-użanza li t-tfal imorru jiġbru weħidhom l-għajxien tagħhom. Dun Tarċis beda jmur jiġbor mat-tfal u kienu jsiru tliet ġabriet matul is-sena: waħda fi żmien il-Milied, waħda fi żmien l-Għid u l-oħra fi żmien il-ħsad. Qata' wkoll l-użanza li t-tfal jassistu għall-funerali tal-benefatturi u kull meta kienu jiġu mistiedna. Kien żmien ukoll meta nħasset il-ħtieġa li tingħalaq *approved school* f'Malta u sar ftehim biex it-tfal imqarbin jiġu mibgħuta fl-istitut ta' San Ġużepp f'Għawdex.



Dun Tarċis liebes il-kappa fil-festa tal-1973



*Dun Tarċis bħala President jidher mal-Kumitat tal-Għaqda Rikreattiva u Kulturali għas sena 1973-74.*



Dun Tarċis jidher fil-purċissjoni mal-Arċisqof Gonzi meta tbierek il-kampnar tal-knisja l-ġdida fl-1979.

F'April tal-1967 ġie trasferit biex jaħdem fil-Parroċċa t'Għajnsielem. Il-Qrar u t-Tqarbin lill-morda fi djarhom kien ix-xogħol pastorali preferut tiegħu. Kien imħajjar minn Don Guido Galli, saċerdot taljan, biex imur imexxi *mixed club* f'Ruma. Kien imħajjar ukoll darbtejn biex imur viċi f'Malta. Fil-1970 mar għamel xogħol ta' *supply priest* fil-parroċċa ta' *Christ the King* fi Bronx N.Y, fejn kien hemm madwar 30,000 kattoliċi. Fil-Parroċċa t'Għajnsielem kien (għal 40 sena) u għadu Direttur Spiritwali ta' diversi *praesidia*, kien direttur spiritwali tax-xebbiet tal-Azzjoni Kattolika u Ko-fundatur u President tal-Għaqda Rikreattiva u Kulturali li kienet għaqda magħmula minn żgħażagħ attivi ħafna u kreattivi. Kien ukoll Vigarju Parrokkjali, jieħu ħsieb il-Quddies u l-legati u karigi u impenji oħra.

Fl-1974 l-Isqof Mons. Nikol Cauchi ħatru Rettur tas-santwarju tal-Madonna ta' Lourdes fejn għadu sal-lum. Minn dal-post qaddis jaħdem biex ixerred devozzjoni u mħabba lejn din l-Omm tas-Sema.



Meta żar l-Art Imqaddsa





Ħdejn il-qabar tal-Kardinal Josephus Mindszenty ġewwa l-Ungerija



*Dun Tarċis bħala President jidher mal-Kumitat tal-Għaqda Rikreattiva u Kulturali għas sena 1973-74.*



Dun Tarċis jidher fil-purċissjoni mal-Arċisqof Gonzi meta tbierek il-kampnar tal-knisja l-ġdida fl-1979.

F'April tal-1967 ġie trasferit biex jaħdem fil-Parroċċa t'Għajnsielem. Il-Qrar u t-Tqarbin lill-morda fi djarhom kien ix-xogħol pastorali preferut tiegħu. Kien imħajjar minn Don Guido Galli, saċerdot taljan, biex imur imexxi *mixed club* f'Ruma. Kien imħajjar ukoll darbtejn biex imur viċi f'Malta. Fil-1970 mar għamel xogħol ta' *supply priest* fil-parroċċa ta' *Christ the King* fi Bronx N.Y, fejn kien hemm madwar 30,000 kattoliċi. Fil-Parroċċa t'Għajnsielem kien (għal 40 sena) u għadu Direttur Spiritwali ta' diversi *praesidia*, kien direttur spiritwali tax-xebbiet tal-Azzjoni Kattolika u Ko-fundatur u President tal-Għaqda Rikreattiva u Kulturali li kienet għaqda magħmula minn żgħażagħ attivi ħafna u kreattivi. Kien ukoll Vigarju Parrokkjali, jieħu ħsieb il-Quddies u l-legati u karigi u impenji oħra.

Fl-1974 l-Isqof Mons. Nikol Cauchi ħatru Rettur tas-santwarju tal-Madonna ta' Lourdes fejn għadu sal-lum. Minn dal-post qaddis jaħdem biex ixerred devozzjoni u mħabba lejn din l-Omm tas-Sema.



Meta żar l-Art Imqaddsa




Ħdejn il-qabar tal-Kardinal Josephus Mindszenty ġewwa l-Ungerija